

# Il-Mitjar tal-Qrendi

**Kevin Cassar**

Meta faqqet il-gwerra fit-3 ta' Settembru 1939, Malta kellha tliet postijiet minn fejn setgħu jittajru l-ajruplani: il-mitjar ta' Ħal Luqa, dak f'Ta' Qali u ta' Ħal Far. Sa dak iż-żmien ftit jew kważi xejn ma kien hawn ajruplani tal-ġlied f'Malta u dan kien għar-raġuni li r-Royal Air Force kienet temmen li Malta ma setgħetx iżżomm kontra bumbardamenti qlil mill-ajru.

Dan il-ħsieb beda jinbidel hekk kif il-Gran Bretanja rat li biex iżżomm supremazija fil-Mediterran u fl-Afrika ta' Fuq riedet iżżomm u ssaħħaħ lil Malta. Fuq dan ir-raġunament kellhom jinġiebu numru sostanzjali ta' ajruplani li joperaw minn Malta u għaldaqstant jiżdiedu l-faċilitajiet minn fejn dawn setgħu joperaw. Barra milli ġew imtejba t-tliet ajruporti ta' Malta beda l-bini ta' tnejn oħra f'Ħal Safi u l-Qrendi, u aktar tard inbena mitjar żgħir f'Għawdex.

Pjanijiet għall-bini ta' mitjar fil-Qrendi tfasslu fl-1940. Ix-xogħol ġie mfixkel bis-sħiħ minħabba nuqqas ta' ħaddiema, skarsità ta' materjal u nuqqas ta' makkinarju – kollu effett tal-gwerra. Ix-xogħlijiet tlestew fl-1942.

Il-mitjar tal-Qrendi, magħruf ukoll bħala ta' San Niklaw, jinsab madwar tliet mili 'l bogħod minn Ħal Luqa. Dan il-mitjar ma kienx kbir u l-intenzjoni kienet li minnu jittajru l-*fighters*. Dan il-mitjar kellu żewġ *runways;* waħda (27/09) twila 1000 metru u wiesgħa 46 metru, l-oħra (13/31) kellha l-istess wisa iżda kienet 1080 metru twila.

It-torri tal-kontroll twaqqaf ġewwa razzett li kien biswit ir-*runway* 13/31. Fl-1943 ġie mibni torri tal-kontroll ieħor maġenb ir-*runway* l-oħra. Ħdejn dan it-torri tħaffru strutturi taħt l-art biex jakkomodaw *telephone exchange*, *operation room* u *generator* ta' l-elettriku.

Id-daħla prinċipali tal-mitjar kienet fuq it-triq li tieħu lejn ir-*reservoir* ta' San Niklaw u l-villaġġ tal-Qrendi. Id-daħla kienet difiża minn *concrete pillbox*. Ftit 'il ġewwa mid-daħla wieħed kien isib il-*Guard Room* prinċipali tal-mitjar u l-*Canteen*. Ftit 'il fuq minn dawn ta' l-aħħar kien hemm il-kappella antika ta' San Niklaw u razzett li kien iservi ta' maħżen. Ftit 'il bogħod mill-kappella kien hemm binja forma ta' torri li kienet isservi ta' *sick quarters*. Il-*cook house u l-mess* kienu jinsabu xi 300 metru 'l bogħod mill-kappella. L-*officers mess* u l-*motor transport section* kienu jinsabu fuq ix-xaqliba l-oħra tal-mitjar.

Madwar ir-*runway* kienu nbnew numru ta' *pens* għall-ajruplani. Il-*pens* kienu strutturi ffurmati minn tliet ħitan għoljin. F'kull wieħed minn dawn kien jiddaħħal ajruplan li b'hekk kien ikollu lqugħ mill-qawwa tal-balal li setgħu jaqgħu fil-qrib. Ħafna drabi l-*pens* kienu jinbnew mis-suldati. Fost il-materjali li kienu jintużaw fil-bini tal-*pens* kien hemm xkejjer bit-terrapin, laned tal-petrol mimlija bit-terrapin, ġebel minn binjiet imwaqqa'.

Evidenza fotografika turi li l-*pens* tal-Qrendi kienu mibnija minn xkejjer mimlija bit-terrapin, jew strutturi b'qoxra magħmula mill-pjanċi taż-żingu fejn il-vojt ta' bejn il-pjanċi kien jiġi mimli bit-terrapin.

Qabel ma beda l-bini tal-mitjar ġie msejjaħ stakkament mill-Hamspire Regiment biex jieħdu ħsieb id-difiża tas-sit. Aktar tard, fl-1941, dan ix-xogħol ġie mogħti lid-D Company tat-3rd Regiment King's Own Malta Regiment.

Wieħed mis-suldati tal-KOMR, Joseph Refalu, tilef ħajtu waqt il-qadi ta' dmirijietu fuq is-sit tal-mitjar. Dan ġara fil-5 ta' Marzu 1942, waqt ħbit mill-ajru. Sa dan iż-żmien il-mitjar kien għadu ma



QRENDI - 1943



tlestix, iżda s-sit kien qed jintuża bħala *decoy* biex jiżvijja l-ajruplani ta' l-għadu. Dan kien isir billi mal-lejl kienu jinxteghlu *landing lights* finti bl-iskop li l-għadu jitfixkilhom għall-mitjar ta' Ħal Luqa.

Dawn id-dwal kienu jiġu armati mis-suldati tal-KOMR. Meta evantwalement il-mitjar beda jaqdi l-funzjoni propja tiegħu s-suldati Maltin kienu jgħinu lill-*ground crews* tar-RAF biex jagħtu l-*fuel* lill-ajruplani u jieħdu ħsieb jippreparaw u jimmuntaw il-munizzjon ta' l-istess inġenji.

Lejn nofs is-sena 1942, il-mitjar tal-Qrendi beda joqrob lejn it-tlestija tiegħu. L-ewwel darba li ntuża kien fis-17 t'Awwissu 1942. Dak in-nhar Spitfire ta' 126 Squadron għamel *crashlanding* wara li żviluppa xi ħsarat.

Wara dan l-avveniment sfortunat, il-mitjar tal-Qrendi ġie nawgurat uffiċjalment fl-10 ta' Novembru 1942. Għal din iċ-ċerimonja kien attenda il-Gvernatur ta' Malta, Lord Gort, li spezzjona gwardja ta' l-unur magħmula minn stakkament tat-3rd Battalion KOMR, Air Vice-Marshall Keith Perks inawgura l-mitjar billi għamel *landing* bil-Hurrinane personali tiegħu li kien iġib il-marki OK2.

L-ewwel skwadra ta' *fighters* li bdiet tuża l-mitjar tal-Qrendi kienet 249 Squadron. Din kienet waħda mill-iskwadri famużi u ħadet sehem bis-sħiħ fit-taqbidiet fl-ajru fuq Malta.

Din l-iskwadra kienet mgħammra bl-iSpitfires u ġiet trasferita minn ta' Qali għall-Qrendi fit-23 ta' Novembru 1942. Fl-10 ta' Diċembru waslet 229



Squadron u fil-5 ta' Jannar 1943 ingħaqdet magħhom 185 Squadron li kienet Ħal Far.

Il-*fighters* ta' dawn it-tliet skwadri, li kienu qed jittajru mill-Qrendi, kellhom ir-rwol li jgħassu l-ajru fuq Malta u li jwettqu missjonijiet offensivi u ta' tkixxif fuq Sqallija. Il-mitjar ta' Ġela kien ta' sikwit ikun il-mira ta' l-ispitfire ta' 249 Squardron. F'Diċembru ta' l-1942 ajruplani ta' l-istess skwadra skurtaw Beaufighters ta' 272 Squadron li kienu sejrin iwettqu missjonijiet ta' bumbardament fuq Sqallija.

Fit-22 ta' April 1943 tmien *spitfires* minn 249 Squardron u tmienja oħra minn 229 Squardron wettqu attakk fuq Sirakuża fejn kien hemm ukoll bażi ta' l-ajruplani tal-baħar tal-qawwa ta' l-ajru Taljana. Dan huwa meqjus bħala wieħed mill-akbar suċċessi miksuba mill-ajruplani bbażati l-Qrendi.

Fit-28 ta' April 1943, 249 Squadron żiedu distinzjoni oħra mal-lista ta' l-unuri tagħhom. dak in-nhar Squadron Leader JJ Lynch, pilota ta' oriġini Amerikana, ġie kkreditat li waqqa' dak li kien l-elf ajruplan ta' l-għadu li twaqqgħu mill-ajruplani bbażati f'Malta.

Xi Spitfires ta' 185 Squadron twaħħlihom apparat taħt il-ġwienaħ biex ikunu jistgħu jġorru żewġ bombi ta' 250 libra l-waħda. L-apparat u l-modifikazzjonijiet neċessarji saru kollha lokalment. Permezz t'hekk dawn l-ajruplani issa setgħu jibbumbardjaw stallazzjonijiet ta' l-għadu. Hekk ġara fl-10 ta' Ġunju 1943 meta Spitfires mill-Qrendi bbumbardjaw il-mitjar ta' Gela.

L-Amerikani kienu wkoll iwettqu bumbardamenti mill-ajru fuq qagħdiet f'Katanja u postijiet oħra fi Sqallija. Spitfires mill-Qrendi kien jipprovdu skorta lill-bombers Amerikani. Waħda minn dawn il-missjonijiet seħħet fil-15 ta' Ġunju, 1943, meta Spitfire ta' 249 u 229 Squadron skurtaw *bombers* Amerikani tat-tip B24 fi triqthom biex iwettqu ħbit fuq Ġerbini.

Bi tħejjija għall-invażjoni ta' Sqallija – Operation Husky – inġabu Malta numru kbir ta' ajruplani. F'dan iż-żmien ukoll inbena mitjar ġewwa x-Xewkija, Għawdex. Dan il-mitjar laqa' t-31th Fighter Group Amerikan. Dan kien jikkonsisti minn 307, 308 u 309 Fighter Squardons, li kienu mgħammra bi spitfires li kellhom fuqhom marki Amerikani.

Dawn l-ajruplani ġew trasferiti mill-Afrika ta' Fuq fejn l-Amerikani ftit li xejn kellhom faċilitajiet biex jagħmlu manteniment fuq l-inġenji. Għaldaqstant numru minn dawn l-ispitfires tniżżlu l-Qrendi fejn in-nies tar-RAF tawhom *overhaul* qabel ma komplew fuq triqthom lejn Għawdex.

Wara l-invażjoni ta' Sqallija, erba' spitfires ta' 185 Squadron ittajru mill-Qrendi fl-20 ta' Awissu, 1943, u niżlu għall-ewwel darba fuq Sqallija fejn ħadu l-*fuel* qabel komplew fi triqthom biex jattakkaw Capri.



Bis-suċċess ta' l-invażjoni ta' Sqallija u l-avvanz ta' l-Alleati ġewwa l-Italja, l-utilità ta' l-ajruplani bbażati Malta bdiet tonqos u eventwalment spiċċat. L-iskwadri tal-*fighters* bdew jiġu trasferiti għal fuq Sqallija u l-Italja fejn setgħu jagħtu appoġġ lill-avvanz ta' l-Alleati. B'hekk l-utilità tal-mitjar tal-Qrendi issa mxew għal Ħal Far fi triqthom lejn l-Italja.

Titjiriet minn u lejn il-Qrendi ġew formalment mitmuna fit-30 ta' Settembru 1943. Wara din id-data l-mitjar ġie mogħti lil 5051 Squadron. Din l-iskwadra ma kinitx ittajjar ajruplani iżda kienet tieħu ħsieb xogħol ta' kostruzzjoni u manteniment fuq l-ajruplani. Din l-iskwadra ħalliet il-Qrendi għall-ħabta ta' Diċembru ta' l-1943. Ftit wara, il-mitjar sar magħruf bħala 143 Maintenance Unit u beda jintuża għall-ħażna tal-*fuel* u l-munizzjon.

Minkejja li ma baqax jintuża bħala ajruport, il-mitjar tal-Qrendi ġieli kienu jsiru fuqu xi nżulijiet ta' emerġenza, kultant b'kosegwenzi traġiċi. Każ minn dawn ġara fil-15 ta' Frar 1949 meta Firefly ta' 812 Squardron żviluppa ħsara u kellu jagħmel *crash landing* il-Qrendi fejn l-ajruplan ħa n-nar u ġie meqrud kompletament. L-aħħar inċident li seħħ f'dan il-mitjar kien fl-4 ta' Mejju, 1958 meta Douglas C47 tal-qawwiet Amerikani għamel inżul ta' emerġenza minħabba ħsarat fil-magni.

Fl-1946 r-RAF waqqfet stazzjon għall-osservazzjonijiet meteoroloġiċi ġewwa l-mitjar tal-Qrendi. Hemm kienet titkejjel ukoll ir-radjazzjoni mix-xemx. Dan l-istazzjon ingħalaq għal kollox f'Diċembru, 1978.

Fl-1956, il-mitjar ġie mibdul f'kamp għall-membri tar-Royal Artillery li nġabu Malta bi tħejjija għall-invazzjoni tas-Suez. Wara dan, il-mitjar beda jintuża għall-ħażna tal-munizzjon mir-Royal Navy, filwaqt li l-binja li fil-gwerra kienet isservi ta' Officer's Mess bdiet tiġi użata bħala kamp għall-mistrieħ għall-fizzjali tar-Royal Navy.

Fis-snin sittin dan il-kamp ġie mgħoddi lil awtoritajiet ekkleżjali Maltin u għal xi żmien kien jintuża bħala kamp għall-membri ta' l-Azzjoni Kattolika. Wara dan il-kamp ġie utilizzat biex titwaqqaf l-opra tal-karità magħrufa bħala d-Dar tal-Providenza.




Dorothy Bezzina

Versatile music for any special occasion

Mob: 99238045 Tel: 21683068

e-mail:dorothybezzina@gmail.com

PRIVAT

MALTI MATSEC

(O' Level – Mejju 2009)

Lezzjonijiet tal-Lingwa u l-Letteratura

Jibda dalwaqt fil-Qrendi

Ċemplu **2168 3412** jew **9946 6576**